**14 ta' Marzu, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Francesco *sive* Frank Busuttil

*versus*

Giaocchino *sive* Jack Scerri *pro et noe*

**Spoll**

*F'kawża ta' spoll l-ebda indaġini m'hi permessa barra minn dik li tkun immirata biex tistabbilixxi: (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' l-ispoll.*

*Din l-azzjoni hija konċepita bħala waħda rapida u effikaċi bl-iskop li ma tħalli lil ħadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament u hija ntiża unikament biex iġġiegħel lil min ikun ikkommetta l-ispoll li jerġa' jqiegħed il-ħaġa fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha, wara li ppremetta:

Li, b'kuntratt tal-31 t'Awissu, 1990, fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, huwa xtara *maisonette* u garaxx mingħand is-soċjetà konvenuta - liema garaxx inbigħ bħala "aċċessibbli minn *drive*", kollox kif jidher mill-anness Dok. A;

Li, reċentement u ċjoè fil-bidu tax-xahar ta' Novembru, 1991, il-konvenut *proprio et nomine* jew min minnhom, ikkommetta spoll fil-konfront tiegħu billi, bil-moħbi, inkariga ħaddiema u qabad u esegwixxa xogħol ta' kostruzzjoni ġo parti mid-*drive* fuq imsemmi u b'hekk ostakola dan id-*drive* u ċaħdu mill-aċċess liberu li huwa kellu meta xtara l-fondi deskritti; u

Talab li, għalhekk, il-konvenuti *proprio et nomine* jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll fir-rigward tiegħu;

Tikkundannahom sabiex, fi żmien qsir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jagħmlu dawk ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex id-*drive* fuq imsemmi jerġa' jitqiegħed kif kien qabel ma saru dawn ix-xogħlijiet u dan taħt is-sorveljanza ta' periti *nominandi*;

Fin-nuqqas li jsiru x-xogħlijiet fiż-żmien lilhom prefiss, tawtorizzah jagħmel dan ix-xogħol hu a spejjeż tal-konvenuti;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti li jibqgħu inġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew:

*Omissis*;

Illi mhux assolutament minnu li l-attur ġie spoljat minn xi pussess jew detenzjoni li seta' kellu, għaliex il-konvenuti *nomine* kienu biegħu lill-attur *inter alia* garaxx "aċċessibbli minn *drive*" u dan il-garaxx għadu sal-lum aċċessibbli minn *drive* u dan kif jaf ben tajjeb l-istess attur;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda tal-konvenuti;

*Omissis;*

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-azzjoni eżerċitata mill-attur hija dik ta' spoll privileġġjat kontemplata fl-artikoli 535 tal-Kap. 16 u 791 tal-Kap. 12 u li komunement tissejjaħ *actio spolii di recente*;

Għalhekk, l-ebda indaġini m'hi permessa barra minn dik li tkun immirata biex tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' l-ispoll jew dak li jissejjaħ l-att spoljattiv;

Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u li ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tgħid li, għalhekk, indaġnijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi franċiżi u taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest ta' l-ordinament ġuridiku tagħna (App. Ċiv. **Carlo Cardona** *et vs* **Francesco Tabona**, deċ. 9.3.1992);

Jidher, għalhekk, li din l-azzjoni ta' spoll hija konċepita bħala azzjoni rapida u effikaċi għall-iskop li ma tħalli lil ħadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament u hija intiża unikament biex iġġiegħel lil min ikun ikkommetta l-ispoll li jerġa' jqiegħed il-ħaġa fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

L-attur qiegħed jallega biċ-ċitazzjoni tiegħu li l-konvenuti, jew min minnhom, qabbdu ħaddiema biex jesegwixxu xogħlijiet

ta' kostruzzjoni f'dan id-*drive* jew rampa u b'hekk l-aċċess liberu tiegħu għall-garaxx imsemmi kien ostakolat;

L-unika eċċezzjoni fil-meritu mogħtija mill-konvenuti hija fis-sens li ma ġie kommess l-ebda spoll fil-konfront ta' l-attur għaliex huwa kien xtara garaxx "aċċessibbli minn *drive*" u dan il-garaxx għadu hekk aċċessibbli sal-lum;

Ikkunsidrat:

Fil-fatt, il-perit tekniku wasal għall-konklużjoni li bil-kostruzzjonijiet jew alterazzjonijiet li ġew esegwiti f'din id-*drive* il-passaġġ ġie li djiq b'aktar minn żewġ metri. Dan ġara għaliex il-konvenuti tawwlu l-garaxxijiet 1 sa 3 li hemm fil-bidu tar-rampa u ġabuhom kif jidhru fil-pjanta Dok. K1 esebita a fol. 58 tal-proċess. Inoltre, jirriżulta li bnew ukoll tromba tat-taraġ li tesporġi għal ġewwa r-rampa u, għalhekk, anke din il-kostruzzjoni qiegħda tostakola l-passaġġ;

Kwindi, jinsab assodat li l-konvenuti ddisturbaw stat ta' fatt li kien jeżisti qabel ma saru dawn ix-xogħlijiet u, konsegwentement, l-estensjoni tal-garaxxijiet li ssemmew, kif ukoll il-bini tat-tromba tat-taraġ jikkostitwixxu l-kommissjoni ta' spoll fil-konfront ta' l-attur u dan għandu kull dritt li jesperixxi din l-azzjoni biex il-wisgħa tar-rampa tiġi ripristinata għal dik li kienet qabel ma saru x-xogħlijiet lamentati;

Għandu jingħad ukoll illi xejn ma jiswa li l-imsemmijin xogħlijiet ma sarux b'xi mod klandestin għaliex huwa risaput li, f'materja ta' spoll, huwa biżżejjed li dawn ma jkunux saru bil-kunsens ta' l-attur. Kif lanqas ma jiswa l-argument li l-garaxx ta' l-attur xorta waħda għadu aċċessibbli mir-rampa;

Dak li huwa meħtieġ, però. huwa li l-kawża tkun saret fi

*żmien xahrejn mill-kommissjoni ta' l-atti spoljattivi* (*infra bimestre deduxisse*). Dan ir-rekwiżit jidher li jinsab sodisfatt ukoll għaliex l-attur, fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, xehed illi dawn ix-xogħlijiet saru fil-bidu tax-xahar ta' Novembru, 1991 u l-azzjoni preżenti nbdiet fl-20 ta' Diċembru, 1991. Għalhekk, fin-nuqqas ta' xi prova kuntrarja dwar dan, il-konklużjoni għandha tkun li l-azzjoni odjerna ġiet intavolata fix-xahrejn utili;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi billi:

*Omissis*;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u, konsegwentement, tilqa' t-talbiet attriċi u hekk (1) tiddikjara li l-konvenuti kollha kkommettew spoll fil-konfront ta' l-attur; (2) tikkundannahom sabiex fi żmien tliet xhur huma jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji kollha sabiex id-*drive* jew rampa msemmija terġa' titqiegħed kif kinet qabel ma saru x-xogħlijiet imsemmija aktar 'il fuq u dan taħt id-direzzjoni ta' l-A.I.C. David Pace, li qiegħed jiġi nnominat għaldaqshekk u, f'każ li ż-żmien lilhom prefiss jgħaddi inutilment, tawtorizza lill-attur sabiex jagħmel dawn ix-xogħlijiet huwa taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit innominat a spejjeż tal-konvenuti;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.

---